MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 282/2007/1

**David Borg**

**v.**

**Kathleen Borg illi permezz ta' Digriet tat-22 ta' Novembru 2007 isimha gie korrett ghal Kathleen McMonagle**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-28 ta' Gunju 2007 li jaqra hekk:

**"A. Dikjarazzjoni tal-Fatti**

“1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta’ Awwissu 1964, skond ma jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom illi kopja tieghu tinsab hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, u sseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, tat-18 ta’ Dicembru 1998, illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B;
“2. Illi l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali, (Dok. B) kien jirregola *inter alia,* il-manteniment pagabbli mill-esponenti favur il-konvenuta martu;

“3. Illi effettivament, *ai termini* tal-Klawsola numru tlieta (3) tal-Ewwel Parti tal-imsemmi kuntratt (Dok. B), l-esponenti kien intrabat illi jhallas lill-konvenuta martu, bhala manteniment ghaliha, is-somma ta’ mija u erbghin Lira Maltin (Lm140) fix-xahar.

“4. Illi sussegwentement ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni pesonali tal-partijiet (Dok. B), il-konvenuta bdiet tintrattieni relazzjoni adultera ma’ ragel iehor, certu Joseph Azzopardi, residenti 79, Main Street, Birkirkara;

“5. Illi, bhala prova ta’ din ir-relazzjoni adultera, l-attur qieghed jesebixxi sensiela ta’ ritratti illi juru lill-konvenuta martu ripetutament fil-kumpanija tas-sieheb taghha Joseph Azzopardi – anke waqt vaganzi barra minn Malta, u senjatament it-Tunezija u l-Ingilterra, liema ritratti qeghdin jigu hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok. C sa Dok. I rispettivament;

“6. Illi l-esponenti kien awtorizzat jipprezenta din l-istanza *ai termini* tad-Digrieti ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-22 ta’ Dicembru 2006 u tal-25 ta’ Mejju 2007 rispettivament, kopji ta’ liema Digrieti qeghdin jigu hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok. J u Dok. K rispettivament;

“7. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxena tal-esponenti.

**“B. Raguni ghat-talbiet f’dawn il-proceduri**

“8. Illi proceduri odjerni qeghdin isiru biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob u tircievi manteniment minghand l-attur *ai termini* tal-Artikoli 38 u 48(1)(d) tal-Kodici Civili, u kwindi ghandha, fl-ewwel lok, tigi varjata l-Klawsola numru tlieta (3) tal-ewwel parti tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali tal-partijiet, iddatat 18 ta’ Dicembru 1998, fl-Atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, u intolre l-konvenuta ghandha tigi kkundannata illi tirrifondi lill-attur l-ammonti kollha ta’ manteniment lilha mhallsha indebitament matul iz-zmien kollu illi l-konvenuta ilha tintrattieni r-relazzjoni adultera taghha, kif fuq premess.

**“C. Talbiet Attrici**

“Ghaldaqstant, in vista ta’ dak kollu fuq premess, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-ligi, imputabbli lill-konvenuta, u senjatament l-adulterju kommess minnha, kif fuq premess, b’effett minn tali data illi tirrizulta mill-provi illi ser jigu prodotti waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. Tiddikjara konsegwentement illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt illi titlob u tircievi l-manteniment minghand zewgha l-attur skond il-ligi, u dan b’effett minn tali data illi tirrizulta mill-provi kif fuq premess;

“3. Tawtorizza u tordna konsegwentement illi tigi varjata l-klawsola numru tlieta (3) tal-ewwel parti tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali tal-partijiet, iddatat 18 ta’ Dicembru 1998, fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, b’dan illi titnehha l-obbligazzjoni kuntrattwali tal-attur illi jhallas retta alimentari lil martu, stante d-dekadenza taghha skond il-ligi, kif fuq premess;

“4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv, skond kif jigi varjat minn din l-Onorabbli Qorti u

Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq tali kuntratt emendat;

“5. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, l-ammont ta’ manteniment imhallas indebitament mill-attur lil martu l-konvenuta, wara tali data illi fiha jigi stabbilit illi l-istess konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju u kwindi ddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi manteniment minghand l-istess attur;

“6. Tordna konsegwentement lill-konvenuta tirrifondi u thallas lura lill-attur l-ammont ta’ manteniment minnu mhallas lilha indebitament skond it-talba precedenti bl-interessi mid-data tal-pagament indebitu sad-data tar-rifuzjoni effettiva;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta (fol. 27) li forza taghha eccpiet illi:

“1. Illi fl-ewwel lok il-konvenuta hija Kathleen McMonagle u mhux Kathleen Borg u dan *ai termini* tal-Klawsola 7 tal-ewwel parti hekk indikata fil-kuntratt tas-Separazzjoni tal-partijiet

“2. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fi dritt hekk kif ser jirrizulta waqt il-kawza

“3. Illi mhux minnu li l-konvenuta ghandha relazzjoni adultera kif qed jallega l-attur

“4. Illi l-konvenuta ghandha sempliciment hbiberija mal-persuna indikata mill-attur

“5. Illi l-attur u l-konvenuta ghadhom jghixu gol-istess dar, 257 Mon Cheri Triq il-Karmnu B’Kara, fil-fatt hija l-konvenuta li torqod kuljum god-dar u l-istess ma jistax jinghad fil-konfront tal-attur.

“6. Illi bis-somma tal-manteniment li tircievi l-mara hija ghada ssajjar u tahsel il-hwejjeg lir-ragel ukoll.

“7. Illi l-mara hija anzjana u m’ghandhiex mezzi sabiex tmantni lilha nfisha.

“8. Illi huwa l-attur li mhux qed jonora l-obbligi assunti minnu fuq il-kuntratt partikolarment klawsola indikata bhala t-tieni parti tal-Kuntratt li tghid li l-partijiet m’ghandhomx jindahlu fil-hajja personali ta’ xulxin stante li qed jindahal sahansitra f’min ghandhom ikunu l-hbieb tal-konvenuta.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.”

Rat li dwar l-ewwel eccezzjoni, din giet sorvolata meta b’digriet moghti fit-22 ta’ Novembru 2007 l-ewwel Qorti ordnat li l-isem tal-konvenuta jigi sostitwit ghal ‘Kathleen McMonagle’, ghal liema korrezzjoni aderixiet l-istess konvenuta;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-24 ta’ Frar 2010 li in forza taghha laqghet l-ewwel talba tal-attur, izda cahdet il-kumplament tat-talbiet; spejjez bla taxxa;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“L-Azzjoni**

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-raguni kontemplata fl-Artikolu 38 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, unikament imputabbli lill-konvenuta, in bazi ghal fatti sopravvenuti ghall-pubblikazzjoni tas-separazzjoni personali ffirmat minnhom fit-18 ta’ Dicembru 1998; kif ukoll, sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghandu, skond l-Artikolu 48[1][d] tal-imsemmi Kap. u sabiex din il-Qorti tordna r-rifuzjoni tal-manteniment gia` mhallas lilha ndebitament mill-attur.

“Min-naha taghha, il-konvenuta tichad li hi ghandha relazzjoni adultera ma’ ragel iehor, izda tghid li ghandha biss relazzjoni ta’ “hbiberija”; teccepixxi li l-manteniment li hi tircievi minghand l-attur, izda tixtri l-ikel, issajjar u tahsel il-hwejjeg fid-dar, u ghalhekk anke l-attur jibbenefika minn din ir-retta alimentarja mensili li hu jaghti lilha. Teccepixxi wkoll li l-attur ghandu joqghod ghat-termini tal-Klawsola numru wiehed [1] tal-imsemmi kuntratt, fejn il-partijiet qabblu li “ma jindahlux fil-hajja personali ta’ xulxin.”

**“Il-Fatti**

“Illi mill-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

“Illi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni fid-data fuq indikata, izda kienu ftehmu li, ghal ragunijiet finanzjarji, ikun ghal gid tat-tnejn li dawn jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali flimkien mat-tifla taghhom, izda fi kmamar separati.

“Illi wara l-iffirmar ta’ dan il-kuntratt rrizulta li, kemm il-konvenuta kif ukoll l-attur dahhlu f’relazzjoni ma’ terzi persuni.

“Il-konvenuta, li llum ghandha ‘il fuq minn 61 sena, kienet dahhlet f’relazzjoni stabbli ma’ ragel iehor, li llum ghandu circa 64 sena identifikat b’ismu, izda, ghalkemm, hi ammettiet li gieli kien ikollhom relazzjonijiet intimi bejniethom, hija xorta wahda baqghet tabita fid-dar ma’ l-attur ghalkemm separatament, u tiehu hsieb il-facendi tad-dar. Fix-xhieda tieghu, l-attur jikkonferma li l-konvenuta “taghmel xoghol ta’ tindif fid-dar[1]”, u, darba iva u darba le, issajjar ghal kulhadd.

“L-attur, min-naha tieghu, jammetti fid-depozizzjoni tieghu in kontro ezami fl-20 ta’ Gunju 2008 li “Jiena m’ilnix wisq, forsi xi sena kont qieghed habib ma’ wahda Marokkina, pero` ma nghatihiex flus. Jiena gieli ma norqodx id-dar u

[1] Fol.69

anke l-mara[2].” Dan jikkonferma dak li qalet il-konvenuta fl-affidavit taghha, fis-sens li l-attur ghandu relazzjoni ma’ mara Marokkina, u ilu maghha.

“Fl-istess affidavit il-konvenuta tghid li “Kien hu [l-attur] li kellu relazzjoni ma’ mara ohra waqt iz-zwieg taghna, u ghalhekk isseparajna.  Anzi kellu iktar minn mara wahda[3].”  Dan ma giex kontraddett mill-attur.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi qabel xejn hija opportuna l-osservazzjoni li l-klawsola fil-kuntratt tas-separazzjoni li permezz taghha l-partijiet obbligaw ruhhom li “ma jindahlux fil-hajja personali ta’ xulxin” ma jezonerax lill-partijiet mill-obbligu tal-fedelta`, liema obbligu jibqa’ maghhom sakemm iz-zwieg jintemm, jew bl-annullament jew bil-mewt ta’ wahda mill-partijiet.

“Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li z-zewg partijiet, dahlu f’relazzjoni adulteruza, wara l-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni, u dan il-fatt soprovvenut huwa wiehed li jattira l-htija tas-separazzjoni personali, allura fuq iz-zewg partijiet.

“Fil-kaz in dizamina, il-Qorti thoss li huwa ekwu li, in forza ta’ dak kontemplat fl-Artikolu 52 tal-Kap.16 meta l-htija tas-separazzjoni tkun fuq iz-zewg partijiet, li tuza d-diskrezzjoni taghha fis-sens li ma tapplikax d-dispost tal-Artikolu 48;  u dan in bazi ghas-segwenti osservazzjonijiet:

“[1]  Illi l-ingurja li sofra l-attur bl-infedelta` ta’ martu, hija kompensata bl-ingurja li sofriet martu bl-infedelta` tieghu;

“[2]  Illi, nonostante ir-relazzjoni adulteruza tal-konvenuta, din xorta wahda baqghet tghix fid-dar tal-partijiet, taghmel facendi, issajjar u tahsel il-hwejjeg a beneficju wkoll tal-attur;  u ghalhekk huwa gust li r-retta

---
[2] Fol.69
[3] Fol.62-63

alimentarja ta' €93 (ekwivalenti ghal Lm140) fix-xahar tibqa' tirceviha minghand l-attur, *multo magis* meta dan huwa l-uniku ntrojtu taghha u li hi tuza a beneficju tal-familja[4] taghha, inkluz attur li min-naha tieghu pero` jhallas l-ispejjez tal-utilitajiet tad-dar. Aliter li kieku hi abbandunat kollox.

"In fine, jigi osservat li, in kwantu ghas-somma ngenti li tezisti fil-Bank fuq isem il-konvenuta, l-verzjoni moghtija minnha u konfermata mill-habib taghha, hija verosimili tenut kont tal-fatt provat li l-konvenuta qatt ma hadmet hlief fid-dar u ghall-familja; u wkoll, tenut kont tal-legam qawwi li jezisti bejn dawn iz-zewg persuni li qed joqorbu lejn l-anzjanita`.

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li, filwaqt li l-ewwel talba hija sostnuta mill-provi, il-kumplament tat-talbiet attrici ma jimmeritawx li jigu milqugha."

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Borg, minnu interpost fit-12 ta' Marzu 2010, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
"......tvarja s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2010, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici b'dan illi s-separazzjoni tigi ppronunzjata unikament ghal tortijiet imputabbli esklussivament lill-appellata, tirrevokaha fil-bqija billi tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta appellata, u tilqa' t-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta appellata."

Rat ir-risposta ta' Kathleen McMonagle tad-29 ta' Marzu 2010 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex l-appell tar-ragel jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu;

[4] L-attur jghid li hu ma jixtrix l-ikel – fol.69

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2010 quddiem din il-Qorti, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza izzewgu fil-15 ta' Awwissu 1964, u sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fit-18 ta' Dicembru 1998. Skond it-termini ta' dan il-kuntratt, l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta martu s-somma ta' Lm140 fix-xahar bhala manteniment ghaliha. L-attur allega li l-konvenuta ghandha relazzjoni adultera` ma' ragel iehor u, ghalhekk, talab li tigi ppronunzjata s-separazzjoni minn martu a bazi tal-adulterju taghha u jigi dikjarat li hi ddekadiet mill-jedd li tippercepixxi manteniment minghand zewgha.
L-ewwel Qorti sabet li filwaqt li hu veru li l-konvenuta kkomettiet adulterju ma' terza persuna wara s-separazzjoni, l-istess attur kien ukoll infidil, u peress li l-partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, mill-mara tiehu hsieb id-dar, tahsel il-hwejjeg ta' zewgha u anke ssajjarlu, ma jkunx gust, f'dawk ic-cirkostanzi, li l-attur jieqaf mill-hlas ta' manteniment.

L-attur appella mis-sentenza bl-aggravju principali jkun li ma rrizultax li hu wkoll kien hati ta' adulterju. Hu jghid ukoll li l-konvenuta ghandha bizzejjed mezzi sabiex tmantni lilha nnifsha, u kwindi m'ghandux jibqa' obbligat li jhallas manteniment.

Dwar dan l-ahhar ilment, din il-Qorti tirrileva mill-ewwel li l-mezzi tal-konvenuta ma tressqux bhala bazi tal-azzjoni tal-attur, li hi bazata <u>biss</u> fuq l-adulterju kommess mill-konvenuta u l-konsegwenzjali dekadenza taghha mid-dritt li tkompli tircievi manteniment; kwindi din il-Qorti mhux se tikkunsidra ulterjorment dan l-aggravju.

Dwar il-meritu, jirrizulta ppruvat li l-konvenuta kkomettiet adulterju wara s-separazzjoni; *del resto* l-konvenuta lanqas ma appellat minn din id-dikjarazzjoni ta' sejba ta' adulterju mill-ewwel Qorti. Da parti tal-attur, il-konvenuta

tghid li zewgha ghandu relazzjoni ma' mara mill-Marokk izda li tghix hawn Malta. L-attur jghid li kien ghamel zmien "kont qieghed habib ma' wahda Marokkina", pero`, ma jammettix li kellu relazzjoni intima ma' din il-mara. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur li tali stqarrija tieghu mhix prova konkluzziva ta' adulterju, li bhala prova tal-fatt, trid indizji gravi, precizi u konkordanti tal-kongungiment karnali. Jibqa l-fatt, pero`, li din il-hbiberija ghandha tal-anqas titqies bhala ingurja gravi fil-konfront ta' martu. Kwindi, id-diskrezzjoni li jaghti l-Artikolu 52 tal-Kodici Civili lill-Qorti jibqa' applikabbli ghax kemm l-adulterju kif ukoll l-ingurja gravi, it-tnejn huma ghemil li jaghti lok ghall-firda.

Dwar jekk l-ewwel Qorti kienitx gustifikata fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghti lilha bl-imsemmi artikolu, din il-Qorti tara li dik id-diskrezzjoni giet ezercitata korrettement meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-attur jammetti li x-xoghol ta' tindif tad-dar taghmlu l-mara; hu jghid li ikel ma jixtrix u darba iva u darba le, issajjar hi ghat-tnejn. Il-konvenuta tghid, u l-attur ma jichadx, li hi tahsillu l-hwejjeg u tghaddihomlu; il-*breakfast* u frott jiehu minn dak li jsib. Dan kollu isehh peress li l-partijiet, nonostante s-separazzjoni, ghadhom joqghodu fl-istess dar flimkien ma' binthom. Inoltre, l-attur stess jammetti li hu kellu "suspett" li martu kellha relazzjoni ma' ragel iehor, pero`, xorta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni u accetta li jhallas manteniment lill-martu bla rizervi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma jistax jinghad li l-mod ta' kif l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni moghti lilha kien irragjonevoli jew ingust.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------